MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 77/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fit-3 ta’ April 2012 li permezz tieghu huwa ppremetta:

1. “Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004), u dana skont l-Att taz-Zwieg.

2. Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004), propju ftit xhur qabel il-gurnata taz-zwieg taghhom, l-intimata welldet tarbija li jisimha Lea B, liema

minuri r-rikorrent dejjem inghata x'jifhem li kienet bintu naturali.

3. Illi ftit tal-gimghat ilu rrizulta li Lea mhijiex il-wild naturali tar-rikorrent, u dwar dan kontestwalment ma' din il-kawza qed tigi pprezentata kawza ta' denagata paternita'.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li fixklet serjament il-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (c) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).”

Ghaldaqstant l-attur talab li l-Qorti,

“Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar is-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) huwa null, invalidu u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 [Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta] li Jirregola z-Zwigijiet, u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu xierqa u opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-4 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat

**Provi**.

Fix-xhieda tieghu[1] l-attur spjega illi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta bdiet fis-sena 2001. Wara tlett snin huma kienu temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom izda l-konvenuta baqghet tikkomunika mal-attur b'mod frekwenti. Xi zmien wara kienu regghu bdew jifrekwentaw lil xulxin u l-attur staqsa lill-konvenuta jekk fil-perijodu li ma kienux flimkien kellhiex relazzjonijiet ma' haddiehor u l-konvenuta assiguratu li ma kellhiex.

Xi sitt gimghat wara li kienu regghu bdew jifrekwentaw lill-xulxin il-konvenuta informat lill-attur li kienet tqila. It-tarbija twieldet fl-10 ta' Mejju 2004, iz-zewg partijiet irregistraw ruhhom bhala l-genituri tat-tarbija u semmewha Lea Calleja li llum ghandha tmin snin. Wara ftit xhur il-kovenuta bdiet tinsisti mal-attur sabiex jizzewgu u jibnu familja. Sadakinhar l-attur ma kellu l-ebda suspett li t-tarbija ma kinitx tieghu. Il-partijiet izzewgu fis-16 ta' Awwissu 2004 meta l-attur kellu tlieta u ghoxrin (23) sena u l-konvenuta tnejn u ghoxrin (22) sena.

L-attur spjega li kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta peress li ried jaqdi d-doveri tieghu ta' missier bhala ragel tal-familja u xtaq jara lit-tarbija tghix gewwa familja maghquda flimkien ma' ommha u missierha.

---

[1] Fol. 33

Fit-23 ta’ Dicembru 2007 l-attrici weldet tifla ohra u l-partijiet tawha l-isem Nya B.

Maz-zmien il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora fejn waslet sal-punt li l-konvenuta talbet lill-attur sabiex jisseparaw izda jibqghu jghixu taht l-istess saqaf.  L-attur sostna li f’dak iz-zmien kien qabad lill-konvenuta tikkomunika ma’ diversi rgiel ohra u kien ghalhekk li f’Gunju 2011 l-attur mar telaq mid-dar matrimonjali u mar jirrisjedi fid-dar tal-genituri tieghu.  L-attur xehed li ghal habta ta’ Novembru 2011 xi hadd kien qallu li fiz-zmien li kienu waqfu ir-relazzjoni taghhom, il-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma’ rgiel ohra.  L-attur talab lill-konvenuta spjegazzjoni ghaliex ma kinitx qaltlu l-verita’ qabel ma izzewgu u f’argument twil li kellhom bejniethom l-konvenuta ammettiet li dak iz-zmien li kienu waqfu jifrekwentaw lill-xulxin hija kellha relazzjoniji intima ma’ haddiehor u gharfitu wkoll li l-minuri Lea ma kinitx bintu.

L-attur ghalhekk fetah zewg kawzi, dik tallum u kawza ohra sabiex jigi dikjarat li Lea mhijiex bintu, liema kawza giet deciza fid-29 ta’ Novembru 2012 u llum isem l-attur jinsab kancellat minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Lea.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta ikkontrastat ix-xhieda tal-attur fis-sens li cahdet li matul dak il-perijodu li l-partijiet ma kienux flimkien hija kellha relazzjonijiet ma’ diversi rgiel.  Tghid li l-koncepiment tat-tarbija Lea kien b’rizultat ta’ ‘one night stand’ ma’ ragel li kienet iltaqghet mieghu fuq l-internet wara li kienet hassret minn mal-attur.  Hija kienet skopriet li kienet tqila wara li irrangat mal-attur. Spjegat li minn dik l-okkazzjoni ta’ intimita ta’ darba ma’ ragel iehor sakemm hija u l-attur regghu irrangaw kienu ghaddew biss madwar ghaxart ijiem.

Il-kovenuta qalet li ghall-ewwel ma kellha l-ebda suspett li t-tarbija ma kinitx tal-attur peress li meta irrangaw regghat bdiet ukoll l-intimita’ ta’ bejniethom.

Is-suspetti taghha tfaccaw wara t-twelid tat-tarbija u dan peress li irrealizzat li t-tarbija kienet tixbah lir-ragel li mieghu kellha intimita' ta' darba. Hija tammetti li zbaljat li naqset milli tinforma lill-attur bis-suspetti taghha. L-attur qatt ma wera maghha xi suspett dwar dan.

Tikkonferma t-testimonjanza tal-attur illi kien qalilha li n-nies qed jghidulu li t-tifla mhux tieghu. It-tifla kienet tidher li ma tixbahx lill-attur u meta hi u l-attur raw ir-ritratt tar-ragel l-iehor tghid li tant tixbhu lil missierha proprja li kwazi lanqas kien hemm bzonn li jsiru t-testijiet xjentifici.

Il-konvenuta tammetti wkoll li meta kienu irrangaw l-attur kien staqsiha specifikatament jekk kelhliex intimita' ma' haddiehor fiz-zmien li kienu mifrudin u li hi ma kinitx qaltlu l-verita' meta kienet cahdet li kellha tali intimita' ma haddiehor.

**Konsiderazzjonijiet.**

L-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null ghaliex skont hu:

i) Il-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li fixklet serjament il-hajja mizzewga.

ii) Il-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

ii) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**AMMISSJONI TAL-KONVENUTA**.

Kif gia' riportat *supra*, permezz ta' nota pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2012, l-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici. F'kawzi civili ordinarji l-ammissjoni tat-talbiet attrici normalment iwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Mhux hekk pero' f'kawzi ta' annullament taz-zwieg stante

li l-materja hija ta’ ordni pubbliku u per konsegwenza huwa mehtieg li kull talba ghall-annullament taz-zwieg tigi mistharrga sew mill-Qorti filwaqt li tigi akkolta biss jekk jitresqu provi sufficjenti ghall-akkoljiment tat-talba attrici.

Kif gie dikjarat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili l-kawza ta’ annullament taz-zwieg “**Pierina Micallef vs. Amor Bentanfous**” fejn il-konvenut kien baqa’ kontumaci u li giet deciza fid-9 ta’ Dicembru 2002,:-

“Nonostante li gie debitament notifikat il-konvenut baqa' kontumaci. Dan ma jfissirx li l-Qorti tista' tghaddi 'l quddiem biex tilqa' t-talba attrici izda jinkombi b'dover fuqha illi tassikura li jezistu tabilhaqq ragunijet serji u validi biex iwaqqghu l-kuntratt ta' zwieg bejn il-kontendenti, anke jekk skond l-iskop u spirtu tal-ligi, il-Qorti ser tikkonsidrah mill-ottika civili biss ("**Farrugia -vs- Farrugia**", Appell Civili, 28 ta' Lulju 1987; "**Spiteri -vs- Spiteri**", Appell Civili, 9 ta' Frar 2001);

Dan qed jigi sottlinejat in kwantu anke f'materja civili hu principju kardinali illi l-kuntratti jridu jigu mantenuti u mharsa billi dan hu ta' interess generali u principju ta' ordni pubbliku. Dan ifisser illi huwa imperattiv, fejn ikollok pretiza ta' impunjattiva ta' kuntratt, illi wiehed jipprocedi b'cirkospezzjoni massima biex ma jigix imhassar jew annullat att meta dan, invece, jimmerita li jibqa' in vigore;”

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula l-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-kawzali imressqa mill-attur.

**KUNSENS MIKSUB B’QERQ DWAR XI KWALITA’ TAL-PARTI L-OHRA LI FIXKLET SERJAMENT IL-HAJJA MIZZEWGA.**

L-artikolu **19(1)( c ) tal-Kapitolu 255** tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att dwar iz-Zwieg, jipprovdi illi:-

“***19. (1) B’żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***- omissis -***

***(ċ) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa”***

Jirrizulta, u gie anke ammess mill-konvenuta waqt it-testimonjanza taghha, illi hija kienet taf li t-tarbija ma kinitx tal-attur izda intenzjonalment gidbet meta qaltlu illi fiz-zmien li ma kienux flimkien ma kellha intimita’ ma’ hadd. L-assigurazzjoni da parti tal-konvenuta kienet tfisser ghall-attur li t-tarbija kienet tieghu.

L-attur spjega fix-xhieda tieghu illi kieku kien jaf li t-tarbija ma kinitx tieghu ma kienx jizzewweg lill-konvenuta. Gie ppruvat minghajr ebda ombra ta’ dubju illi l-kunsens tal-attur gie karpit b’qerq adoperat mill-konvenuta bil-konsegwenza li l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg tieghu mal-konvenuta kien vizzjat u konsegwentement iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null.

Issir referenzsa ghall-kawza "**Louis Agius -vs- Georgia Agius xebba Gauci**", deczia mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fejn inghatat interpretazzjoni tal-Artikolu 19 (1) ( c ) tal-Kap 255 bil-mod segwenti:-

"Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' '*moral substitution*' u kif spjegat mill-awturi (Ara **Wrenn L. "Annullment"** p 82 *et seq*.) din tissussisti "*when the quality is (I) an inherent property of the person and not some isolated past action; (II) present at the time of the wedding; (III) grave either objectively or subjectively; (IV) unknown to the other party; (V) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial".*"

Din is-sentenza giet iccitata b’approvazzjoni fil-kawza “**Stephen Sciberras vs Av. Dr. Francesco Depasquale et. noe**.” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Dicembru 2002. Jinghad hekk:-

"Dan l-insenjament segwa dak tat-Tribunal Ekklezjastiku fil-proceduri bejn l-istess koppja. Cionostante anke jekk l-Att taz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, eppure l-istess insenjament tad-dritt kanoniku ma jistax jigi skartat ghal kollox;"

Fix-xoghol tieghu "**Il Dolo nel Matrimonio Canonico**"[2], **Nikolaus Schoch jiddefenixxi** l-elementi tad-"dolo vizio" bhala "la deliberata voluntas, la malafede e l'azione esterna del deceptor come il suo elemento oggettivo".

Fil-kawza citata "**Sciberras vs Depasquale**" l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi mill-provi hemm prodotti l-allegazzjoni tad-"dolus" ma gietx ippruvata u dan peress l-allegazzjoni tal-attur f'dik il-kawza illi kien gie mqarraq fir-rigward tal-kwalitajiet tal-konvenuta kienu maghrufa lill-attur qabel izzewgu. Id-dolus kien ghalhekk mankanti.

Mhux l-istess jista' jinghad fil-kawza odjerna. L-attur ma kienx jaf illi t-tarbija li kienet ghadha kemm weldet il-konvenuta ma kinitx tieghu. Ghal kuntrarju il-konvenuta, filwaqt li kienet certa li t-tarbija ma kinitx tal-attur, gidbet mieghu meta assiguratu li ma kellha l-ebda relazzjoni intima ma' haddiehor. B'din il-gidba l-konvenuta kienet qed tassigura lill-attur li t-tarbija kienet tieghu.

Ghall-attur huwa kien qed jizzewweg lill-omm bintu filwaqt li l-konvenuta kienet taf li t-tifla ma kinitx bint l-attur u hbiet dan il-fatt minnu. Fil-fehma tal-Qorti dan jammonta ghal 'qerq' fit-termini tal-Artikolu 19 (1) ( c ) tal-Kapitolu 255 in kwantu l-konvenuta irnexxielha tikseb il-kunsens tieghu biex jizzewgu billi b'qerq assiguratu li t-tifla li weldet kienet tieghu.

F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi mill-gdid ghall-kawza "**Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor"** iccitata *supra* fejn il-Qorti trattat l-allegazzjoni ta' "qerq" fl-ambitu tal-kunsens ghaz-zwieg:-

---

[2] Antonianum, 73/1 (1998) p.194-197 (Pontificia Universita' Antonianum).

“Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)),………….. "*Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta*`" (**Vol. XXIV P II p 578**).”

Hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti li l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg tieghu mal-konvenuta kien ottenut b’qerq adoperat mill-konvenuta li permezz tieghu ikkonvincitu li kienet omm it-tarbija tieghu. Fi kliem iehor, ghall-attur huwa kien qed jizzewweg lill-omm bintu. Tali kwalita’ fil-konvenuta irrizulta li kienet falza bil-konsegwenza li l-kunsens tal-attur kien vizzjat u ghalhekk iz-zwieg celebrat mill-partijiet huwa null u bla effett.

Stante li l-Qorti irravvizat fondatezza fil-pretensjoni tal-attur ai termini tal-Artikolu (1) ( c ) tal-Kap.255, mhux mehtieg li jigu trattati r-ragunijiet l-ohra migjuba mill-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-kontendednti bhala null u bla effett ghar-raguni prevista fl-Artikolu 19 (1) ( c ) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez tal-kawza a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------